

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/777**tas-16 ta' Mejju 2019****dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 49(5) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/797 tiċċara r-rwoli tal-atturi ferrovjarji, b'mod speċjali l-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura, fir-rigward tal-kontrolli li jridu jitwettqu qabel l-użu tal-vetturi awtorizzati.
- (2) Ir-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja jeħtieġ li jipprovdi trasparenza fir-rigward tal-karatteristiċi tan-netwerk u jeħtieġ li jintuża bħala bażi ta' *data* ta' referenza. B'mod partikolari, dan jeħtieġ li jintuża flimkien mal-valuri tal-parametri rreġistrati fl-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sabiex tiġi ċċekkjata l-kompatibbiltà teknika bejn vettura u rotta.
- (3) Il-lista ta' parametri tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u l-interfaċċa tal-utent komuni stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/880/UE ⁽²⁾ jeħtieġ li jkunu aġġornati sabiex jippermettu li tiġi verifikata l-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotta. Fl-istess ħin, l-applikazzjoni bbażata fuq il-web tar-reġistru tal-infrastruttura (l-Applikazzjoni RINF) jeħtieġ li tissostitwixxi l-interfaċċa tal-utent komuni.
- (4) L-Applikazzjoni RINF jeħtieġ li tiġi stabbilita u mmaniġġjata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-"Aġenzija") u għandha tipprovdi aċċess għar-rekords dwar l-assi tal-Istati Membri li jiddikjaraw il-valuri tal-parametri tan-netwerk ta' kull subsistema jew parti ta' subsistema kkonċernata. B'mod partikolari, l-Istati Membri jeħtieġ li jużawha biex jikkonformaw mal-obbligu ta' pubblikazzjoni previst fl-Artikolu 49(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797, sabiex jipprovdu lill-utenti b'punt ta' dħul uniku.
- (5) Id-*data* relatata mal-parametri speċifikati fit-tabella fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE għandha tinġabar u tiddaħħal, għas-sistema ferrovjarja sħiħa tal-Unjoni, fir-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja sas-16 ta' Marzu 2019, f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni. Id-*data* relatata mal-parametri ġodda speċifikati f'dan ir-Regolament jeħtieġ li tinġabar u tiddaħħal fir-reġistru tal-infrastruttura fiż-żmien dovut sabiex jinkisbu l-oġettivi tad-Direttiva (UE) 2016/797, b'mod partikolari sabiex tkun tista' tiġi verifikata l-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotta abbażi tal-Applikazzjoni RINF. L-Applikazzjoni RINF jeħtieġ li tkun operattiva sa mhux aktar tard minn meta dan ir-Regolament isir applikabbli u d-*data* relatata mal-parametri rilevanti għall-verifika tal-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotta għandha tinġabar u tiddaħħal sa mhux aktar tard mis-16 ta' Jannar 2020 u malajr kemm jista' jkun mil-lat Prattiku.
- (6) Kull Stat Membru jeħtieġ li jaħtar entità tar-reġistrazzjoni nazzjonali biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tas-sottomissjoni u l-aġġornament regolari tad-*data* tar-reġistru tal-infrastruttura tiegħu.
- (7) Il-maniġers tal-infrastruttura jeħtieġ li jiġbru d-*data* relatata man-netwerk tagħhom u jiżguraw li d-*data* sottomessa lill-entitajiet tar-reġistrazzjoni tkun kompluta, konsistenti, preċiża u aġġornata.
- (8) Żviluppi ulterjuri tal-Applikazzjoni RINF għandhom jiffaċilitaw l-iċċekkjar tal-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotta u l-kumpilazzjoni tal-ktieb tar-rotot bl-informazzjoni mill-Applikazzjoni RINF. L-Aġenzija għandha tivvaluta l-benefiċċji u l-kost tal-integrazzjoni tal-Applikazzjoni RINF u għandha timplimentahom kif xieraq.
- (9) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi gwida għall-applikazzjoni li tiddekrivi, u fejn meħtieġ tispjega, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati uippubblikati, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku bla ħlas.

⁽¹⁾ ĠUL 138, 26.5.2016, p. 44.⁽²⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/880/UE tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/633/UE (ĠUL 356, 12.12.2014, p. 489).

- (10) Fis-27 ta' Lulju 2018, l-Aġenzija ħarġet rakkomandazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja biex taġġorna l-funzjonijiet tar-reġistru tal-infrastruttura bid-Direttiva (UE) 2016/797.
- (11) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE għandha titħassar.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Speċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura

1. L-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 49 tad-Direttiva (UE) 2016/797 għandhom ikunu daww stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-valuri tal-parametri tan-netwerk ferrovjarju tiegħu jkunu kompjuterizzati f'applikazzjoni elettronika li għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Applikazzjoni RINF

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u iżomm applikazzjoni bbażata fuq il-web ("Applikazzjoni RINF") biex taġixxi bħala punt ta' dħul uniku għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-infrastruttura tal-Istati Membri skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva (UE) 2016/797.
2. L-Applikazzjoni RINF għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.
3. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-Applikazzjoni RINF tkun operattiva sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019.
4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li d-data meħtieġa għan-netwerk tiegħu tinġabar u tiddaħħal fl-Applikazzjoni RINF sad-dati stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.
5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li d-data fl-Applikazzjoni RINF tinżamm aġġornata skont l-Artikolu 5.
6. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi grupp magħmul minn rappreżentanti tal-entitajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni li jkollu l-għan li jikkoordina, jimmonitorja u jappoġġa l-mili tad-data tal-Applikazzjoni RINF.

Artikolu 3

Tranżizzjoni

1. Id-dati tal-iskadenza għall-mili tar-reġistru tal-infrastruttura stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u daww stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jibqgħu japplikaw.
2. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li d-data miġbura u mdaħħla fir-reġistru tal-infrastruttura f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE tibqa' disponibbli, u għandhom jiżguraw li din tkun aċċessibbli permezz tal-Applikazzjoni RINF.

Artikolu 4

L-entità tar-reġistrazzjoni nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar entità tar-reġistrazzjoni nazzjonali li tkun responsabbli mill-koordinazzjoni tal-ġbir u d-dħul tad-data tal-Istat Membru fl-Applikazzjoni RINF.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Aġenzija sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019 dwar l-entità tar-reġistrazzjoni nazzjonali maħtura f'konformità mal-paragrafu 1 jekk dik l-entità mhijiex il-korp maħtur f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE.

3. Mill-1 ta' Jannar 2021, soġġett għall-iżvilupp tal-Applikazzjoni RINF imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a), il-maniġers tal-infrastruttura ta' kull Stat Membru għandhom ikunu responsabbli mill-ġbir u d-dħul tad-*data* fl-Applikazzjoni RINF.

Artikolu 5

Ġbir ta' data

1. Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jiżguraw il-preċiżjoni, il-kompletezza, il-konsistenza u l-puntwalità tad-*data* fl-Applikazzjoni RINF u jissottomettu *data* aġġornata hekk kif din id-*data* ssir disponibbli.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jissottomettu d-*data* lill-entitajiet tar-reġistrazzjoni. L-entitajiet tar-reġistrazzjoni għandhom jissottomettu d-*data* għall-Applikazzjoni RINF mill-inqas kull xahar, sakemm ma jkunx meħtieġ li d-*data* tiġi aġġornata. F'dak il-każ, l-entitajiet tar-reġistrazzjoni għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija li l-ebda *data* ma teħtieġ li tiġi aġġornata. Wieħed mill-aġġornamenti għandu jikkoinċidi mal-pubblikazzjoni annwali tad-dikjarazzjoni tan-netwerk.

3. Mill-1 ta' Jannar 2021, soġġett għall-iżvilupp tal-Applikazzjoni RINF imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a), il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jissottomettu d-*data* direttament lill-Applikazzjoni RINF, hekk kif din id-*data* ssir disponibbli.

4. L-informazzjoni relatata mal-infrastrutturi mqiegħda fis-servizz wara s-16 ta' Ġunju 2019 għandha tiġi sottomessa lill-Applikazzjoni RINF qabel it-tqegħid fis-servizz.

Artikolu 6

Żviluppi oħra

1. L-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni għar-riżultat tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, għandha taġġorna l-Applikazzjoni RINF sal-1 ta' Jannar 2021 sabiex:

- tissimplifika l-proċess ta' aġġornament tad-*data* fl-Applikazzjoni RINF sabiex il-maniġers tal-infrastruttura jkun jistgħu jaġġornaw l-informazzjoni hekk kif din issir disponibbli;
- ittejjeb id-deskrizzjoni tan-netwerk sabiex turi l-ġeometrija tiegħu bi preċiżjoni;
- tipprovdi informazzjoni dwar ir-rotot possibbli fin-netwerk;
- tipprovdi mezzi biex twissi l-impriżi ferrovjarji dwar bidliet fl-Applikazzjoni RINF li huma rilevanti għalihom.

2. Sas-16 ta' Jannar 2022, l-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni għar-riżultat ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, għandha taġġorna l-Applikazzjoni RINF biex tippermetti l-ġbir u d-dħul tal-informazzjoni meħtieġa għall-Ktieb tar-Rotot imsemmi fl-Appendiċi D2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 ⁽³⁾. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reġistru tal-infrastruttura tiegħu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-Ktieb tar-Rotot fi żmien sena wara li l-Applikazzjoni RINF tkun ġiet aġġornata.

3. Żviluppi ulterjuri tal-Applikazzjoni RINF jistgħu joħlqu sistema ta' *data* li talimenta l-flussi kollha ta' informazzjoni elettronika fir-rigward tan-netwerk ferrovjarju tal-Unjoni.

Artikolu 7

Gwida dwar l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet komuni

Sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019, l-Aġenzija għandha tippubblika gwida dwar l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura (gwida dwar l-applikazzjoni). L-Aġenzija għandha żżomm il-gwida dwar l-applikazzjoni aġġornata. Il-gwida dwar l-applikazzjoni għandha tinkludi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà għal kull parametru.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-“Operat u ġestjoni tat-traffiku” tas-sistema ferrovjarja fi ħdan l-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 8

Tħassir

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE hija mħassra.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TEKNIKU

Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jikkonċernaw *data* dwar is-subsistemi strutturali tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) is-subsistema tal-infrastruttura,
- (b) is-subsistema tal-enerġija,
- (c) is-subsistema ta' kontroll-kmand u sinjalazzjoni maġenb il-binarij.

2. GĦAN

L-għan ewlieni tar-reġistru tal-infrastruttura huwa li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi trasparenti tan-netwerk u li jintuża bħala bażi ta' *data* ta' referenza.

2.1. **Proċessi li jridu jiġu appoġġjati mir-reġistru tal-infrastruttura**

Ir-reġistru tal-infrastruttura għandu jappoġġja l-proċessi li ġejjin:

- (a) il-kontroll qabel l-użu ta' vetturi awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (b) id-disinn ta' subsistemi mobbli;
- (c) il-kontroll tal-fattibbiltà għax-xogħol ta' servizzi ferrovjarji;
- (d) il-pubblikazzjoni ta' regoli u restrizzjonijiet ta' natura strettament lokali f'konformità mal-Artikolu 14(11) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (e) il-verifika tal-kompatibbiltà teknika bejn installazzjonijiet fissi f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (f) il-monitoraġġ tal-progress tal-interoperabbiltà fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni;
- (g) l-istabbiliment tad-dikjarazzjoni tan-netwerk relatata man-natura tal-infrastruttura;
- (h) il-kompilazzjoni tal-Ktieb tar-Rotta msemmi fl-Appendiċi D2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 f'konformità mal-Artikolu 6(2);
- (i) l-użu mill-ġdid tad-*data* fir-reġistru tal-infrastruttura f'għodod oħrajn tal-IT.

2.2. **Rekwiżiti speċifiċi għar-reġistru tal-infrastruttura**

Ir-reġistru tal-infrastruttura għandu:

- (a) jipprovdi l-valur tal-parametri li jridu jintużaw biex tiġi kkontrollata l-kompatibbiltà teknika bejn il-vettura u r-rotta;
- (b) jipprovdi *data* rilevanti biex jiġu identifikati l-karatteristiċi tal-infrastruttura taż-żona tal-użu maħsuba u biex jiġi ffaċilitat id-disinn tal-vetturi ferrovjarji u l-kontroll tal-fattibbiltà tas-servizzi ferrovjarji;
- (c) jippermetti lill-Istati Membri jinkludu regoli u restrizzjonijiet ta' natura strettament lokali fir-reġistru tal-infrastruttura;
- (d) jipprovdi *data* rilevanti biex tiġi ffaċilitata l-verifika tal-kompatibbiltà teknika bejn subsistema fissa u n-netwerk li fih hija inkorporata u biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-interoperabbiltà ta' installazzjonijiet fissi tal-ferrovija;
- (e) jipprovdi l-informazzjoni neċessarja għall-Ktieb tar-Rotta;
- (f) jippermetti l-użu tar-reġistru tal-infrastruttura bħala bażi ta' *data* ta' referenza għad-dikjarazzjoni tan-netwerk jew għodod oħrajn tal-IT.

3. KARATTERISTIĊI KOMUNI

Il-karatteristiċi stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu komuni għar-reġistri tal-infrastruttura kollha tal-Istati Membri.

3.1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "sezzjoni tal-linja" (SoL) tfisser il-parti tal-linja bejn punti operattivi maġenb xulxin li tista' tikkonsisti minn diversi binarji;
- (2) "punt operattiv" (OP) tfisser kwalunkwe post għall-operat tas-servizz ferrovjarju, fejn is-servizzi ferrovjarji jistgħu jibdew u jispiċċaw jew jibdew u jgħid r-rotta u fejn jistgħu jingħataw is-servizzi tal-passiġġieri jew tal-merkanzija; dan jinkludi wkoll postijiet fil-konfini bejn l-Istati Membri jew il-manijers tal-infrastruttura;
- (3) "punt tal-pożizzjoni" (LP) tfisser kwalunkwe punt speċifiku fuq binarju ta' SoL fejn il-valur ta' parametru jinbidel;
- (4) "linja tar-rotta" tfisser kwalunkwe binarju użat għal movimenti tas-servizz ferrovjarju; din ma tinkludix il-binarji li minn fuqhom ferrovija tista' taqbeż oħra u dawk fejn jiltaqgħu l-ferroviji fuq linja sempliċi jew konnessjonijiet tal-binarji meħtieġa biss għall-operat ferrovjarju;
- (5) "binarju żgħir sekondarju" tfisser kwalunkwe binarju fi ħdan punt operattiv, li ma jintużax għal rotot operattivi ta' ferrovija.

3.2. Struttura tan-netwerk ferrovjarju għar-reġistru tal-infrastruttura

- 3.2.1. Għall-finijiet tal-reġistru tal-infrastruttura, kull Stat Membru għandu jiddeskrivi n-netwerk ferrovjarju tiegħu skont is-sezzjonijiet tal-linja u l-punti operattivi.
- 3.2.2. Il-punti li jridu jiġu ppubblikati għal "sezzjoni tal-linja" relatati mas-subsistemi tal-infrastruttura, tal-enerġija u tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni maġenb il-binarji għandhom jiġu assenjati lill-element tal-infrastruttura "linja tar-rotta".
- 3.2.3. Il-punti li jridu jiġu ppubblikati għal "punt operattiv" relatati mas-subsistema tal-infrastruttura għandhom jiġu assenjati lill-elementi tal-infrastruttura "linja tar-rotta" u "binarju żgħir sekondarju".

3.3. Punti għar-reġistru tal-infrastruttura

- 3.3.1. Il-punti għandhom jiġu ppubblikati f'konformità mat-Tabella 1.
- 3.3.2. Il-gwida tal-applikazzjoni tar-reġistru tal-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 7 għandha tispeċifika l-format speċifiku u l-proċess tal-governanza tad-*data* elenkata fit-Tabella 1 u ppreżentata f'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:
 - (a) għażla unika jew multipla minn lista predefinita;
 - (b) CharacterString jew il-CharacterString predefinit;
 - (c) numru indikat f'parenteżi kwadri.
- 3.3.3. Il-valur ta' parametru għandu jiġi provdut meta jikkorrispondi ma' parametru ewlieni jew meta l-punt korrispondenti jeżisti fuq in-netwerk li huwa deskritt f'konformità mal-iskadenzi fit-Tabella 1.

Il-parametri meħtieġa għall-verifika tal-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotta huma indikati bħala "Meħtieġa għal RC" f'konformità mal-Appendiċi D1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/773.

Kull informazzjoni rilevanti għall-parametri hija pprovduta fit-Tabella 1.

Meta t-Tabella 1 tirreferi għal dokument tal-manijer tal-infrastruttura, il-manijer tal-infrastruttura jew l-NRE skont l-Artikolu 5 għandhom jippreżentaw tali dokument lill-Aġenzija f'format elettroniku. Id-dokumenti msemmija fil-parametri 1.1.1.1.2.4.4, 1.1.1.1.6.4, 1.1.1.1.6.5, 1.1.1.3.7.1.3 u 1.1.1.3.11.3 għandhom jiġu ppreżentati f'żewġ lingwi tal-UE.

Tabella 1

Punti tar-reġistru tal-infrastruttura

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1	STAT MEMBRU					
1.1	SEZZJONI TAL-LINJA					
1.1.0.0.0	Informazzjoni ġenerika					
1.1.0.0.0.1	Kodiċi tal-maniġer tal-infrastruttura (IM)	[AAAA]	Maniġer tal-infrastruttura tfisser kull entità jew implemtazzjoni li hija responsabbli, b'mod partikolari biex tiġi stabbilita u miżmuma infrastruttura tal-ferrovija jew parti minnha.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.0.0.0.2	Identifikazzjoni tal-linja nazzjonali	CharacterString	Identifikazzjoni unika tal-linja jew numru uniku tal-linja fi ħdan Stat Membru.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.0.0.0.3	Punt operattiv fil-bidu tas-sezzjoni tal-linja	CharacterString predefinit	OP ID unika fil-bidu tas-sezzjoni tal-linja (il-kilometri jiżdiedu talmill-OP inizjali sal-OP finali).	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.0.0.0.4	Punt operattiv fl-aħħar tas-sezzjoni tal-linja	CharacterString predefinit	OP ID unika fl-aħħar tas-sezzjoni tal-linja (il-kilometri jiżdiedu mill-OP inizjali sal-OP finali)	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.0.0.0.5	It-tul tas-sezzjoni tal-linja	CharacterString predefinit	It-tul bejn punti operattivi fil-bidu u fl-aħħar tas-sezzjoni tal-linja.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.0.0.0.6	In-natura tat-Sezzjoni tal-Linja	Għażla unika mil-lista predefinita: SoL regolari/Konnessjoni	It-tip ta' sezzjoni tal-linja li jesprimi d-daqs ta' <i>data</i> ppreżentata li jiddependi fuq jekk tikkollegax flimkien OPs iġġenerati permezz ta' diviżjoni ta' nodu kbir f'diversi OPs jew le.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1	LINJA TAR-ROTTA					
1.1.1.0.0	Informazzjoni ġenerika					
1.1.1.0.0.1	Identifikazzjoni ta' binarju	CharacterString	Identifikazzjoni unika ta' binarju jew numru uniku ta' binarju fi ħdan is-sezzjoni tal-linja	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.0.0.2	Direzzjoni normali tar-rotta	Għażla unika mil-lista predefinita: N/O/B	Id-direzzjoni normali tar-rotta hija: — l-istess bħad-direzzjoni definita mill-bidu u t-tmiem tal-SoL: (N) — l-oppost għad-direzzjoni definita mill-bidu u t-tmiem tal-SoL: (O) — iż-żewġ direzzjonijiet: (B)	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1	Subsistema tal-infrastruttura					
1.1.1.1.1	Dikjarazzjonijiet ta' verifika għal binarji					
1.1.1.1.1.1	Id-dikjarazzjoni tal-verifika "KE" għall-binarji relatata mal-konformità mar-rekwiżiti minn speċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà (TSIs) applikabbli għas-subsistema tal-infrastruttura	CharacterString predefinit: [CC/RRRRRRRRRRRRR/YYY-Y/NNNNNN]	Numru uniku għal dikjarazzjonijiet "KE" f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 ⁽¹⁾ .			F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.1.2	Dikjarazzjoni ta' dimostrazzjoni tal-EU (kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/881/EU ⁽²⁾) għal binarji relatata mal-konformità mar-rekwiżiti minn TSIs applikabbli għas-subsistema tal-infrastruttura	CharacterString predefinit: [CC/RRRRRRRRRRRRR/YYY-Y/NNNNNN]	Numru uniku għal dikjarazzjonijiet tal-EI li jsegwi l-istess rekwiżiti ta' format kif speċifikat fid-dikjarazzjonijiet KE fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250.			F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2	Parametri ta' prestazzjoni					
1.1.1.1.2.1	Klassifika ta' binarji tan-Netwerk Trans-Ewropew (TEN)	Għażla unika minn lista predefinita	Indikazzjoni tal-parti tan-netwerk trans-Ewropew li l-linja tappartjeni għaliha.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.2.1.2	Identità tas-sistema ta' informazzjoni ġeografika TEN (GIS ID)	CharacterString	Indikazzjoni tal-GIS ID tat-taqsim tal-bażi ta' <i>data</i> TEN-T li għaliha jappartjeni l-binarju			L-1 ta' Jannar 2021
1.1.1.1.2.2	Kategorija tal-linja	Għażla unika minn lista predefinita	Klassifika ta' linja skont l-INF TSI – Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 ⁽³⁾	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.3	Parti minn Kuritur tal-Merkanzija Ferrovarja	Għażla unika minn lista predefinita	Indikazzjoni ta' jekk il-linja hijiex iddeżinjata għal Kuritur tal-Merkanzija Ferrovarja			F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.4	Kapaċità tat-tagħbija	Għażla unika minn lista predefinita	Kombinament tal-kategorija tal-linja u l-veloċità fil-punt l-aktar dgħajef tal-binarju	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.4.1	Klassifika nazzjonali għall-kapaċità tat-tagħbija	CharacterString	Klassifika nazzjonali għall-kapaċità tat-tagħbija		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.2.4.2	Konformità ta' strutturi mal-Mudell ta' Tagħbija b'Veloċità Għolja (HSLM)	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Għal sezzjonijiet tal-linja b'veloċità massima permessa ta' 200 km fis-siegħa jew aktar. Informazzjoni rigward il-proċedura li għandha tintuża biex jitwettaq il-kontroll tal-kompatibbiltà dinamika		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.2.4.3	Lokazzjoni ferrovjarja tal-istrutturi li jeħtieġu kontrolli speċifiċi	CharacterString predefinit: [± NNNN.NNN] + [CharacterString]	Il-lokazzjoni tal-istrutturi li jeħtieġu kontrolli speċifiċi		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.2.4.4	Dokument bil-proċedura/i għall-kontrolli tal-kompatibbiltà statika u dinamika tar-rotta	CharacterString	Dokument elettroniku disponibbli f'żewġ lingwi tal-UE mill-IM, maħżun mill-Aġenzija bi: — proċeduri preċiżi għall-kontrolli tal-kompatibbiltà statika u dinamika tar-rotta; Jew — informazzjoni rilevanti għat-tweqqif tal-kontrolli ta' strutturi speċifiċi.		X	fis-16 ta' Jannar2020.

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.2.5	Veloċità massima permessa	[NNN]	Veloċità operattiva massima nominali fuq il-linja bħala riżultat tal-karatteristiċi tas-subsistemi tal-infrastruttura, tal-enerġija u tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni espressi f'kilometri fis-siegħa.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.6	Il-firxa tat-temperatura	Għażla unika mil-lista predefinita: T1 (-25 sa +40) T2 (-40 sa +35) T3 (-25 sa +45) Tx (-40 sa +50)	Firxa tat-temperatura għal aċċess mhux ristrett għal-linja skont l-istandard Ewropew.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.7	Għoli massimu	[+/-][NNNN]	L-ogħla punt tas-sezzjoni tal-linja 'l fuq mil-livell tal-baħar b'referenza għan-Normal Amsterdam's Peil (NAP, "il-livell normali ta' Amsterdam").	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.2.8	Eżistenza ta' kundizzjonijiet klimatiċi severi	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Il-kundizzjonijiet klimatiċi fuq il-linja huma severi skont l-istandard Ewropew.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.3	Arranġament tal-linji					
1.1.1.1.3.1	Gejġ interoperabbli	Għażla unika mil-lista predefinita: GA/GB/GC/G1/DE3/S/IRL1/l-ebda	Gejġijiet GA, GB, GC, G1, DE3, S, IRL1 kif definiti fl-istandard Ewropew.	Parametru mħassar. Għandu jintwera għal skopijiet ta' informazzjoni		
1.1.1.1.3.2	Gejġijiet multinazzjonali	Għażla unika mil-lista predefinita: G2/GB1/GB2/l-ebda	Gejġ multilaterali jew gejġ internazzjonali ieħor għajr GA, GB, GC, G1, DE3, S, IRL1 kif definiti fl-istandard Ewropew.	Parametru mħassar. Għandu jintwera għal skopijiet ta' informazzjoni		
1.1.1.1.3.3	Gejġijiet nazzjonali	Għażla unika minn lista predefinita	Gejġ domestiku kif definiti fl-istandard Ewropew jew gejġ lokali ieħor.	Parametru mħassar. Għandu jintwera għal skopijiet ta' informazzjoni		

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad-data	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.3.1.1	Wisa' bejn il-linji	Għażla unika minn lista predefinita	Geġġijiet kif definiti fl-istandard Ewropew jew geġġijiet lokali oħrajn, inklużi l-parti ta' taħt jew ta' fuq. F'konformità mal-punt 7.3.2.2 tar-Regolament (UE) Nru 1302/2014, is-sezzjonijiet tal-linji tan-netwerk tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja jista' ma jkollhomx profil ta' referenza tal-geġġ.	X	X	fis-16 ta' Jannar 2020.
1.1.1.1.3.1.2	Lokazzjoni ferrovjarja tal-punti partikolari li jeħtieġu kontrolli speċifiċi	CharacterString predefinit: [± NNNN.NNN] + [CharacterString]	Lokazzjoni tal-punti partikolari li jeħtieġu kontrolli speċifiċi minħabba d-devjazzjonijiet mill-wisa' bejn il-linji msemmi f'1.1.1.1.3.1.1.		X	fis-16 ta' Jannar 2020.
1.1.1.1.3.1.3	Dokument bis-sezzjoni trasversali tal-punti partikolari li jeħtieġu kontrolli speċifiċi	CharacterString	Dokument elettroniku disponibbli mill-IM u maħżun mill-Aġenzija, bis-sezzjoni trasversali tal-punti partikolari li jeħtieġu kontrolli speċifiċi minħabba devjazzjonijiet mill-wisa' bejn il-linji msemmi f'1.1.1.1.3.1.1. Fejn rilevanti, gwida għall-kontroll mal-punt partikolari tista' tiġi mehmuża mad-dokument bis-sezzjoni trasversali.		X	fis-16 ta' Jannar 2020.
1.1.1.1.3.4	Numru tal-profil tat-trasport standard ikkombinat għal kaxxi skambjabbli	Għażla unika minn lista predefinita	Kodifikazzjoni għal trasport ikkombinat b'kaxxi skambjabbli kif definit fil-Kodiċi UIC (jekk il-linja tappartjeni lit-TEN).	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.3.5	Numru tal-profil tat-trasport standard ikkombinat għal semitrejlers	Għażla unika minn lista predefinita	Kodifikazzjoni għal trasport ikkombinat għal semitrejlers kif definit fil-Kodiċi UIC (jekk il-linja tappartjeni għat-TEN).	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.3.5.1	Informazzjoni speċifika	CharacterString	Kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-IM relatata mal-arranġament tal-linji			L-1 ta' Jannar 2021
1.1.1.1.3.6	Profil tal-gradjent	CharacterString predefinit: [± NN.N] ([± NNNN.NNN] ripetut għal kemm-il darba jkun meħtieġ	Sekwenza tal-valuri tal-gradjent u l-pożizzjonijiet tal-bidla fil-gradjent	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad-data	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.3.7	Raġġ minimu ta' kurva orizzontali	[NNNNN]	Raġġ tal-iżgħar kurva orizzontali tal-binarju f'metri.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.4	Parametri tal-binarji					
1.1.1.1.4.1	Gejġ nominali tal-linji ferrovjarji	Għażla unika mil-lista predefinita 750/1000/1435/1520/1524/1600/1668/oħrajn	Valur uniku espress f'millimetri li jidentifika l-gejġ tal-linji ferrovjarji.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.4.2	Insuffiċjenza tas-sopraelevazzjoni	[+/-][NNN]	L-insuffiċjenza tas-sopraelevazzjoni massima espressa f'millimetri definita b'haladifferenza bejn is-sopraelevazzjoni applikata u sopraelevazzjoni ta' ekwilibriju ogħla li l-linja tkun ġiet iddisinjata għaliha.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.4.3	Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja	[NN]	Angolu li jiddefinixxi l-inklinazzjoni tal-parti tal-binarju li tmiss mar-roti relattiva għall-wiċċ li fuqu jimxu r-roti	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.4.4	Eżistenza ta' ballast	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Tispeċifika jekk il-kostruzzjoni tal-binarju fihix riffieda integrati fil-ballast jew le.			F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.5	Punti ta' qlib u qsim					
1.1.1.1.5.1	Konformità mat-TSI, tal-valuri fis-servizz għal punti ta' qlib u qsim	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Il-punti ta' qlib u qsim għandhom jinżammu f'dimensjonijiet ta' limitu fis-servizz kif speċifikat fit-TSI.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.5.2	Dijametru minimu tar-roti għal qsim ottuż fiss	[NNN]	It-tul minimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss huwa bbażat fuq dijametru minimu tar-roti espress f'millimetri.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.6	Reżistenza tal-binarij għal tagħbijiet applikati					
1.1.1.1.6.1	Deċelerazzjoni massima tal-ferrovija	[N.N]	Limitu għal reżistenza lonġitudinali tal-binarij mogħti bħala d-deċelerazzjoni massima permessa tal-ferrovija u espress bħala metri kull sekonda kwadra.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.6.2	Użu ta' brejkijiet b'eddy current	Għażla unika mil-lista predefinita: Permess/permess taħt kundizzjonijiet/permess biss għal brejk ta' emerġenza/permess biss taħt kundizzjonijiet għal brejk ta' emerġenza/mhux permess	Indikazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq l-użu ta' brejkijiet b'eddy current.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.6.3	Użu ta' brejkijiet manjetiċi	Għażla unika mil-lista predefinita: Permess/permess taħt kundizzjonijiet/permess biss taħt kundizzjonijiet għal brejk ta' emerġenza/permess biss għal brejk ta' emerġenza/mhux permess	Indikazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq l-użu ta' brejkijiet manjetiċi.	X	X	F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.6.4	Dokument bil-kundizzjonijiet għall-użu ta' brejkijiet b'eddy current	CharacterString	Dokument elettroniku disponibbli f'żewġ lingwi tal-UE mill-IM u maħżun mill-Aġenzija, b'kundizzjonijiet għall-użu ta' brejkijiet b'eddy current identifikati f'1.1.1.1.6.2.		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.6.5	Dokument bil-kundizzjonijiet għall-użu ta' brejkijiet manjetiċi	CharacterString	Dokument elettroniku disponibbli f'żewġ lingwi tal-UE mill-IM u maħżun mill-Aġenzija, b'kundizzjonijiet għall-użu ta' brejkijiet manjetiċi identifikati f'1.1.1.1.6.3.		X	fis-16 ta' Jannar2020.

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad-data	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.7	Saħħa, sikurezza u ambjent					
1.1.1.1.7.1	L-użu tal-lubrikazzjoni tal-flanġ huwa pprojbit	Għażla unika minn lista predefinita: Iva/Le	Indikazzjoni ta' jekk l-użu ta' mezz ab-bord għal-lubrikazzjoni tal-flanġ huwiex ipprojbit.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.7.2	Eżistenza ta' qsim invell	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Indikazzjoni ta' jekk jeżistix qsim invell (inkluż passaġġi pedonali) fuq is-sezzjoni tal-linja.	X		F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.7.3	Aċċellerazzjoni permessa qrib il-qsim invell	CharacterString	Eżistenza ta' limitu għall-aċċellerazzjoni ta' ferrovija jekk din tiegħi jew iżżid il-veloċità viċin ta' qsim invell, espress bħala kurva ta' aċċellerazzjoni ta' referenza speċifika.			F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE u mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2019
1.1.1.1.7.4	Eżistenza ta' ditekter ta' kaxxa tal-fus sħuna maġenb il-binarji (HABD)	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Eżistenza ta' HABD maġenb il-binarji	X	X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.7.5	Konformi ma' HABD TSI ta' maġenb il-binarji	Għażla unika mil-lista predefinita: Iva/Le	Speċifiku għan-netwerks ta' Franza, tal-Italja u tal-Iżvezja. Konformi mat-TSI ta' ditekter ta' kaxxa tal-fus sħuna maġenb il-binarji (HABD)		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.7.6	Identifikazzjoni ta' HABD maġenb il-binarji	CharacterString	Speċifiku għan-netwerks ta' Franza, tal-Italja u tal-Iżvezja. Applikabbli jekk l-HABD ta' maġenb il-binarji ma tkunx konformi mat-TSI, identifikazzjoni tad-ditekter tal-kaxxa tal-fus sħun maġenb il-binarji.		X	fis-16 ta' Jannar2020.
1.1.1.1.7.7	Ġenerazzjoni ta' HABD maġenb il-binarji	Għażla unika minn lista predefinita	Speċifiku għan-netwerks ta' Franza, tal-Italja u tal-Iżvezja. Ġenerazzjoni ta' ditekter ta' kaxxa tal-fus sħuna maġenb il-binarji (HABD)		X	fis-16 ta' Jannar2020.

Numru	Titolu	Preżentazzjoni tad- <i>data</i>	Definizzjoni	Parametru ewlieni	Meħtieġa għal RC	Skadenza biex jiġi pprovdut il-parametru
1.1.1.1.7.8	Lokazzjoni ferrovjarja ta' HADB ta' maġenb il-binarij	CharacterString predefinit: [± NNNN.NNN] + [CharacterString]	Speċifiku għan-netwerks ta' Franza, tal-Italja u tal-Iżvezja. Applikabbli jekk l-HADB ta' maġenb il-binarij ma tkunx konformi mat-TSI, lokazzjoni tad-ditekter tal-kaxxa tal-fus sħun maġenb il-binarij.		X	fis-16 ta' Jannar 2020.
1.1.1.1.7.9	Direzzjoni tal-kejl tal-HADB ta' maġenb il-binarij	Għażla unika mil-lista predefinita: N/O/B	Speċifiku għan-netwerks ta' Franza, tal-Italja u tal-Iżvezja. Applikabbli jekk l-HADB ta' maġenb il-binarij ma tkunx konformi mat-TSI, direzzjoni tal-kejl tad-ditekter tal-kaxxa tal-fus sħun maġenb il-binarij. Jekk id-direzzjoni tal-kejl hija: — l-istess bħad-direzzjoni definita mill-bidu u t-tmiem tal-SoL: (N) — l-oppożt għad-direzzjoni definita mill-bidu u t-tmiem tal-SoL: (O) — iż-żewġ direzzjonijiet: (B)		X	fis-16 ta' Jannar 2020.
